**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINAL**

**MAĠISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta mizmuma illum il-Hamis, 7 ta' Dicembru 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kyle Borg)**
**(Spettur Janetta Grixti)**

**vs**

**Seyble Grech**

## DIGRIET

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Seyble Grech ta' 16-il sena bin Brian u Rita xebba Armeni, imwieled Pieta nhar is-6 ta' Gunju 2005 u residenti 89, Cindy, Triq l-Izbark tat-Torok Birzebbuga u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 184105L

   Akkuzat talli nhar is-7 ta' Lulju 2021, ghall-habta tat-15:00 ta' wara nofs inhar gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta' Birzebbuga

1. B'qerq, holoq jew gieghel li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza ikunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat

2. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar

2. Rat li fis-seduta tad-19 t'April 2023 gie registrat is-segwenti verbal:

*"Dr Jason Grima ghall-imputat qieghed jeccepixxi li l-Qorti m'ghandhiex il-kompetenza li tisma dan il-kaz stante illi l-imputat ghadu m'ghalaqx l-eta ta' tmintax-il sena, u dana b'riferenza ghall-Artikolu 2 u 3 tal-Kap. 287 tal-Ligijiet ta' Malta. Qed issir referenza wkoll ghall-Artikolu 6(2) illi jghid illi "meta waqt xi procediment quddiem il-Qorti tal-Magistrati dik il-Qorti jidhrilha li l-persuna akkuzata jew li dwarha ikunu qed isiru procedimenti, tkun taht l-eta ta' tmintax (18)-il sena l-imsemmija Qorti ghandha taggorna l-kaz u tirriferih lill-Qorti tal-minorenni li ghandha tghaddi biex tisma u tiddeciedi l-kaz daqs li kieku l-procedimenti jkunu nbdew quddiem l-imsemmija Qorti tal-minorenni"*

3. Rat li l-prosekuzzjoni irrimettiet ruhha ghal din it-talba.

4. Rat li l-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum ghal digriet fuq it-talba tad-difiza.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

5. L-Artikolu 6(2) tal-Kapitolu 287 – kif emendat bl-Att LXIV tal-2021 - tal-Ligijiet ta' Malta jippreskrivi hekk:

*"Meta waqt xi proċedimenti quddiem Qorti tal-Maġistrati dik il-qorti jidhrilha li l-persuna akkużata jew li dwarha jkunu qed isiru proċedimenti tkun taħt l-età ta' tmintax (18)-il sena, l-imsemmija qorti għandha taġġorna l-każ u tirriferih lill-Qorti tal-*

*Minorenni li għandha tgħaddi biex tisma' u tiddeċiedi l-każ daqs li kieku l-proċedimenti jkunu nbdew quddiem l-imsemmija Qorti tal-Minorenni."*

6. Kif jirrizulta mill-estratt tac-certifikat tat-twelid tal-imputat ezebit in atti, l-imputat twieled fis-6 ta' Gunju 2005, u ghalhekk fid-data tas-seduta tad-19 t'April 2023 – meta giet ecceppita n-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti – l-imputat kien ghad kellu sbatax (17)-il sena, u allura kienet kompetenti l-Qorti tal-Minorenni.

7. Pero, l-imputat ghalaq tmintax (18)-il sena fis-6 ta' Gunju 2023, u ghalhekk illum il-gurnata hija din il-Qorti li hija kompetenti li tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri kontra l-imputat.

8. Fil-fatt l-Artikolu 6(1) – kif emendat bl-Att LXIV tal-2021 - tal-Kapitolu 287 jippreskrivi hekk:

*"Meta waqt xi proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Minorenni dik il-qorti jkun jidhrilha li l-persuna akkużata jew li dwarha jkunu qed isiru proċedimenti laħqet l-età ta' tmintax (18)-il sena, l-imsemmija qorti tista', jekk jidhrilha li ma jkunx opportun li taġġorna l-każ u tirriferih lill-Qorti tal-Maġistrati kompetenti, tgħaddi biex tisma' u tiddeċiedi l-każ; <u>jekk, iżda, l-Qorti tal-Minorenni jidhrilha xort'oħra, għandha taġġorna l-każ u tirreferih lill-Qorti kompetenti tal-Maġistrati li għandha tieħu konjizzjoni tal-każ bħallikieku l-proċedimenti kienu nbdew quddiem l-imsemmija Qorti tal-Maġistrati</u>."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

9. Dan l-Artikolu juri li l-intenzjoni tal-legislatur hija li kazijiet kontra persuni li jkunu ghalqu t-tmintax (18)-il sena jinstemghu minn din il-Qorti. Huwa biss fil-kaz li l-proceduri jkunu gia mibdija quddiem il-Qorti tal-Minorenni qabel l-imputat ikun ghalaq tmintax-il sena, li l-Qorti tal-Minorenni ghandha diskrezzjoni li tibqa tisma l-kaz hi, meta l-imputat jaghlaq tmintax-il sena u ma tibghatux sabiex ikompli jinstemgha minn din il-Qorti

10. Ghaldaqstant, kieku din il-Qorti kellha tibghat l-atti lill-Qorti tal-Minorenni, dik il-Qorti tkun gustifikata illi tibghat l-atti lura lil din il-Qorti, stante li l-imputat illum ghandu l-eta

ta' tmintax (18)-il sena, u l-proceduri ma' gewx mibdija quddiem dik il-Qorti, u allura dik il-Qorti m'hix kompetenti tisma' dan il-kaz.

11. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, in vista tat-trapass taz-zmien, l-eccezzjoni tal-inkompetenza ta' din il-Qorti giet survolata stante illi illum l-imputat ghandu l-eta ta' tmintax (18)-il sena, u hija din il-Qorti li hija kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' dawn il-proceduri.

**Konkluzjoni**

12. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tad-difiza li din il-Qorti m'ghandhix kompetenza tisma' dan il-kaz, u tordna l-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi.

**Maġistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**